KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 51 B'Urgenza** **IS-SITT KUNSILL**

Il-wiehed u hamsin seduta (b'urgenza) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru, 2011** fis-5.58 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Kunsilliera Marianne Aquilina, Edward Cuschieri, ~~Martin Debono,~~ Nicolai Gauci, J. Galea u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, il-Kunsillier Yves Cali, Sandra Camilleri u Nikki Dimech avżaw li ma setawx jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsilliera imsemmija bħala raġonevoli.

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Martin Debono

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi

Is-Sindku ppresediet.

**51.1 Tender u attivitajiet tal-Milied**

51.1.1 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill ir-risposta mibghuta mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali ghal gwida mitluba mill-Kunsill dwar il-process li ghandu jaddotta l-Kunsill dwar is-sejha ghall-offerti ghat-tizjin tat-toroq bid-dwal ghal zmien il-Milied. Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibghuta mid-Direttur ghal Gvern Lokali (Dok "A" anness ma' dawn il-minuti) li ddikjara l-offerta bhala "null and void" u li l-process ghandu jerga jibda mill-gdid. Spjegat li kien ukoll sar

skambju mad-DLG fejn il-Kunsill saqsa lid-Dipartiment dwar jekk is-sejha ghall-offerti ghandiex terga' tohrog ghal perjodu ta' gimghatejn jew jekk din tistax tohrog ghal perjodu iqsar. Is-Sindku qalet li fir-risposta tieghu d-Dipartiment spjega li ladarba l-process se jerga' jibda mill-bidu l-perjodu tas-sejha jista' jinbidel.

***Il-laqgha giet sospiza mill-procedimenti taghha fis-6.17 ta' filghaxija biex jitkellmu rapprezentanti tas-Sliema Business Community.***

***Il-laqgha tkomplet fis-6.23 ta' filghaxija.***

51.1.2 Is-Sindku pproponiet li s-sejha ghall-offerta terga' tohrog ghal perjodu ta' gimgha minhabba l-urgenza tax-xoghol biex din l-offerta tilhaq tigi aggudikata u t-toroq jigu mixghula sal-1 ta' Dicembru 2011. Fakkret li l-Kunsill f'laqgha precedenti qabel li t-toroq jinxteghlu fl-1 ta' Dicembru 2011. Qalet li l-avviz ghandu jidher fil-Gazetta tal-Gvern kif ukoll darba fil-gazzetta "The Malta Independent". Il-Kunsillier Edward Cuschieri ssekonda l-proposta imressqa mis-Sindku. Il-Kunsilliera prezenti kollha qablu ma' din il-mozzjoni.

51.1.3 Il-Kunsillier N. Gauci u l-Kunsillier M. Aquilina qallu li l-offerta kienet wisq teknika. Is-Sindku qalet li l-Kunsill fil-bidu ta' din is-sena kien ha decizjoni li t-*tender document* jinkiteb b'mod tekniku minn inginjier biex ma jkunx hemm problemi bhal tas-sena precedenti fejn it-tizjin ma kienx *up to standard.* Is-Sindku fakkret li l-Kunsill kien hareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghas-servizz ta' *electrical engineer* bl-intenzjoni li jinkiteb it-tender ghat-tizjin tat-toroq bid-dwal ghal zmien il-Milied.

51.1.4 Il-Kunsill innota punt 8.2. tat-*tender document* dwar il-hin permessibbli li fih il-kuntrattur li jkun maghzul mill-Kunsill ikun jista' jarma d-dwal. Is-Sindku pproponiet li ssir emenda ghat-*tender document* biex il-hin jigi estiz sal-10 ta' bil-lejl, minflok sas-7 ta' filghaxija. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsill qabel ma' din l-emenda.

51.1.5 Il-Kunsill innota wkoll il-kliem: "However, no sound shall be allowed between 2.00pm and 4.30pm" f'punt 8.2 *tender document.* Saret diskussjoni dwar kif l-ahjar li jigi emendat dan il-kliem. Is-Sindku pproponiet li dan il-kliem jithassar u minfloku jidhol il-kliem: "However only minimal disturbace shall be allowed between 2.00pm and 4.30pm to respect residents". Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsill qabel ma' din l-emenda.

51.1.6 Saret diskussjoni dwar il-valur tal-Bid Bond li ghandha takkumpanja l-offerta. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi l-"Instructions to Tenderers" mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali jindikaw liema ghandu jkun il-valur tal-Bid Bond. Kien spjegat li l-"Instructions to Tenderers" se jkunu ppubblikati flimkien mat-*tender document*.

51.1.7 Tressaq ukoll ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill il-perjodu tal-validita tal-Bid Bond. Il-Kunsill ikkunsidra li s-sejha ghall-offerta kienet taghlaq fi zmien gimgha kif ukoll li l-Kunsill, skont il-proceduri tal-kunsilli lokali, kien marbut li jaghti perjodu ta' ghaxart ikiem tax-xoghol li fih offerenti jkunu jistghu jappellaw mid-decizjoni tal-Kunsill. Kien ikkunsidrat ukoll li l-Kunsill seta' ma jagguddikax din l-offerta mal-gheluq taghha. Wara li kkunsidra dawn il-fatturi il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Bid Bond ghandha tkun valida ghal 45 jum mill-1 ta' Novembru 2011.

51.1.8 Il-Kunsill ikkunsidra punt 11 tat-*tender document*. Is-Sindku qalet li ghandu jkun imnizzel b'mod car li l-€20,000 fid-dokument jinkludi l-VAT. Ghalhekk is-Sindku ipproponiet li dawn iz-zewg sentenzi: "The maximum value for this tender will be Eur20,000. Tenderers quoting above this amount shall have their tender rejected" jigu emendati ghal "The maximum value for this tender will be Eur20,000 inclusive of VAT. Tenderers quoting above this amount shall have their tender rejected." Il-Kunsillier Galea issekonda. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu b'mod unanimu ma' dan.

51.1.9 Is-Sindku qalet li l-offerti ghandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti mitluba skont il-proceduri tal-kunsilli lokali. Is-Sindku ssuggeriet li tender document jelenka b'mod esplicitu d-dokument li ghandhom jakkumpanjaw l-offerta. Is-Sindku pproponiet li f'punt 11 qabel il-kliem "Failure by the tenderer to submit any of the documents may lead to rejection of the tender" ghandu jizdied il-kliem kif gej:

"A complete Tender submission shall consist of the following:

(a) The Form of Tender
(b) The Non-Collusive Tendering Certificate
(c) The Tender Guarantee (Bid Bond)
(d) The priced Bill of Quantities
(e) The Declaration of Understanding
(e) Any other document specifically required by the Local Council."

Kif ukoll li l-kliem: "Failure by the tenderer to submit any of the documents may lead to rejection of the tender" jinbidel ghal "Failure by the tenderer to submit any of the documents shall lead to automatic disqualification." Il-Kunsillier J. Galea ssekonda. Is-Sindku, il-

Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea, N. Gauci u P Pace vvutaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina astjenit. Il-mozzjoni bl-emenda ghal punt 11 kif proposta mis-Sindku ghaddiet b'hames voti favur.

51.1.10 Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill f'seduta precedenti kien ha decizjoni li l-ewwel ma ghandhom jintramaw bid-dwal huma t-toroq ta' quddiem il-knejjes parrokljali. Il-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu li fit-*tender document* ghandu jitnizzel il-kliem: "The streets to be given priority to be decorated will be the ones in front of the Parishes: Sacro Cuor; Stella Maris; San Girgor and Nazzarene".

51.1.11 F'dan l-istadju kien diskuss fiex hin ghandhom jinfethu l-envelopes bl-offerti. Il-Kunsill qabel li fl-1 ta' Novembru ghandha ssir laqgha tal-Kunsill biex ikun aggudikat dan it-*tender*. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill kien qabel li l-*Adjudication Committee* ta' dan it-*tender* kellu jkun kompost mill-Kunsill kollu kif ukoll mill-Accountant tal-Kunsill, l-Avukat tal-Kunsill u l-Inginjier. Il-Kunsillier Galea ppropona li t-tender jaghlaq fl-4.30 ta' wara nofsinhar u li l-Adjudication Committee jiltaqa' wara li jispicca l-process tal-ftuh tal-*envelopes* bl-offerti, bir-rakkomandazzjoni tal-Adjudication Committee tigi mressqa waqt il-laqgha tal-Kunsill dak in-nhar stess. Il-Kunsill gie mfakkar li r-*Request for Information* ghas-servizzi ta' designer ghal materjal stampat tal-Kunsill kienet taghlaq dakinhar stess fit-3 ta' wara nofsinhar. Il-Kunsill qabel li minhabba l-urgenza li dan it-tender jigi aggudikat mill-iktar fis biex jintrama t-tizjin sal-1 ta' Dicembru, is-sejha ghall-offerti ghandha taghlaq fl-4.30 ta' wara nofsinhar tat-Tlieta 1 ta' Novembru 2011 u li l-Adjudication Committee ghandu jiltaqa' ezattament wara.

51.1.12 Is-Sindku qalet li s-Seduta tal-lum kienet giet mghajta wkoll biex il-Kunsill jiddiskuti l-attivitajiet li kienu se jkunu organizzati ghal zmien il-Milied kif ukoll biex jiddiskuti x'sejhiet ghal kwotazzjonijiet jew offerti jrid jaghmel il-Kunsill b'rabta mal-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Is-Sindku qalet li minhabba li l-Vici Sindku ma kienx prezenti l-Kunsill ma setax jiddiskuti dan ghaliex fakkret li f'wahda mis-seduti precedenti kien maqbul li l-Vici Sindku kellu jiltaqa mas-Sliema Business Community kif ukoll mal-Kunsilliera interessati biex ikun imhejji programm ta' attvitajiet. Qalet li l-attivitajiet proposti kellhom ikunu mressqa ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk il-laqgha bejn il-Vici Sindku u s-Sliema Business Community saritx. Il-Kunsill kien infurmat li din il-laqgha saret. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-attivitajiet ghal zmien il-Milied ikunu diskussi f'laqgha ohra fejn il-Vici Sindku jkun jista' jaghti rendikont ta' dak li kien qieghed jigi propost.

Il-laqgha ntemmet fis-7.10 ta' filghaxija.

Il-Kunsill aggorna għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Waqt l-istess Seduta l-Kunsilliera prezenti qablu li ghandha ssir laqgha ohra nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru 2011 fil-5.30 ta' filghaxija biex il-Kunsill jiddiskuti materji varji minhabba li t-terminu tas-Segretarju prezenti wasal biex jispicca u l-Kunsill ghadu mhux infurmat dwar jekk hux se jigi appuntat Agent Segretarju Ezekuttiv sakemm isiru l-intervisti biex jimtela' dan il-post.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R Curmi
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum 1 ta' Novembru 2011.
(jum) (data) (xahar)